FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju, 2002**

**Numru 10**

**Avviz. numru 1117/02JR**

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tieghu Maria Vella**

**vs**

**Renald Sammut**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fis-26 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm443.17), u fejn intqal:**

**Illi l-attur jitlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ta' l-incident li sehh fit-12 ta' Mejju, 2001 fi Triq Notabile, Birkirkara, waqt li l-istess konvenut**

**kien qed isuq l-vettura EAZ-537 u dahal gol-vettura ta' Maria Vella numru ta' registrazzjoni BBI-365;**

**Illi l-attur jitlob ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm443.17) cioe` s-somma ta' danni li l-attur hallas in linea ta' danni ghall-istess incident lil Maria Vella li hija assigurata mieghu taht polza tip Comprehensive. L-attur kif surrogat fid-drittijiet taghha hallas ghad-danni kollha tal-vettura BBI-365;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma dawn l-proceduri kontra s-socjeta` assigurattrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u**

**filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm443.17) bl-imghax legali mill-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma dawn l-proceduri kontra s-socjeta` assiguratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**